# P6_TA(2007)0143

# Il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' l-għargħar ***II

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' April 2007 dwar il-pożizzjoni komuni tal-Kunsill bil-ħsieb ta' l-adozzjoni ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' l-għargħar (12131/6/2006 – C6-0038/2007 – 2006/0005(COD))**

**(Proċedura ta' kodeċiżjoni: it-tieni qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni komuni tal-Kunsill (12131/6/2006 – C6-0038/2007),

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[1] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2006)0015)[2],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 251(2) tat-Trattat KE,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 62 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomondazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel (A6-0064/2007),

1. Japprova l-pożizzjoni komuni kif emendata;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

[1] *Testi Adottati*, 13.6.2006, P6_TA(2006)0253.
[2] Għadha mhux ippubblikata fil-ĠU.

**P6_TC2-COD(2006)0005**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fit-tieni qari fil-25 ta' April 2007 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 2007/.../KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji ta' l-għargħar**

*(Billi intlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari tikkorrispondi ma' l-att leġiżlattiv aħħari, id-Direttiva 2007/60/KE.)*